**MFIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

Illum, 20 ta' Settembru 2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Carmel Schembri**
**(Detentur tal-karta tal-identità bin-numru 294466M)**

**Il-Qorti,**

Rat li Carmel Schembri ta' 58 sena, iben Joseph Schembri u Maria Schembri xebba Grima, ta' nazzjonalita' Maltija, imwieled iz-Zurrieq, nhar it-12 t'April 1966, u residenti ġewwa 3, November Rain, Vjal il-Blue Grotto, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 294466M tressaq taħt arrest u f'isem ir-Repubblika ta' Malta u ġie akkużat talli nhar is-6 ta' Settembru 2024, ghall-habta ta' l-ghaxra ta' bil-lejl (22:00hrs) gewwa Triq ix-Xatt, il-Pieta' u/jew fil-vicinanzi:

1. *1. Ikkometta* ***serq*** *ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat* ***bil-hin u l-lok,*** *u dan sar għad-detriment ta' Jaroslaw Maciej Lewandowski u/jew ta' xi persuna/i oħra;*
   *Artikoli 261(e)(f), 269(e) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*U aktar talli:*

2. *Fl-istess data, lok u ċirkostanzi, kemm il-darba jinstab ħati jirrendi ruħu* ***reċediv*** *ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;*

*U aktar talli:*

3. ***Naqas milli josserva*** *xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dott. Gabriella Vella LL.D, datat 5 ta' Marzu 2024 u li permezz tiegħu huwa ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet; Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. ***Naqas milli josserva*** *xi waħda, u/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) b'digriet mogħti mill-Maġistrat Dott. Victor G. Axiak LL.D datat 23 ta' Frar 2024 u li permezz tiegħu huwa ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet; Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

5. *Wettaq reat waqt li kien qiegħed taħt* ***perjodu operattiv ta' sentenza sospiża*** *li ngħatat lilu nhar it-22 ta' Marzu 2022 mill-Maġistrat Dott. Elaine Mercieca LL.D.*
   *Artikolu 28B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet il-fedina penali tal-imputat flimkien ma dokument ta' identifikazzjoni u talbet li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li l-Avukat Ġenerali permezz ta' l-kunsens tiegħu sabiex din il-kawża tiġi trattata bi proċedura sommarja.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma l-akkużi, l-imputat ta’ l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-Qorti spjegat il-portata ta’ l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista’ tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-imputat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-imputat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Il-Qorti semgħat it-talba magħmula seduta stante waqt is-seduta ta’ nhar nl-20 ta’ Settembru 2024 sabiex toħroġ ordni jew ordnijiet ta' protezzjoni kontra l-imputat u favur il-parti jew parti leżi *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm fil-mori tal-kawża kif ukoll, kemm-il darba tinstab ħtija, u tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta’ l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati ta’ l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu. Ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta l-akkużi fi stadju bikri.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 261(e)(f), 269(e), 270, u 281, l-Artikoli 49, 50 u 289, l-Artikolu 579(2), l-Artikolu 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 532A, 532B u 533, u l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni tal-imputat stess il-Qorti ssib lill-imputat Carmel Schembri, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 294466M, ħati tal akkużi kollha

miġjuba fil konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' tmienja u erbgħin xahar (48) priġunerija effettivi li minnhom għandu jitnaqqas il-perjodu ta' arrest preventiv li skonta l-ħati dwar dan il-każ biss.

In oltre fuq ammissjoni tal-imputat, ai termini tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li s-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament preseduta mill-Onor Maġistrat Dr Elaine Mercieca LL.D tat-22 ta' Marzu 2022 għandha tibda sseħħ.

Il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kontra l-akkużat għal fini ta' protezzjoni ta' Jaroslow Maciej Lewandowski skont ma jirriżulta mid-digriet mogħti kontestwalment ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti fuq talba tal-partijiet magħmula seduta stante peress li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u possibilment vizzjijiet oħra, il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' trattament għal perjodu ta' sentejn (2) u dan sabiex l-imputat jagħraf joħroġ mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u/jew vizzjijiet oħra, u dan skont id-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tordna l-komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali bil-għan li din tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti tal-kawżi msemmija fit-tielet sal-ħames akkuża.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza għandha tiġi komunikati minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħati. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kkontemplata abbażi tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti f'dan il-każ.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 579 (1) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' elf ewro (€1,000) stabbilita bħala depożitu għall-ħelsien mill-

arrest ai termini tad-digriet tal-Qorti Kriminali, Onor. Maġistrat Gabrielle Vella LL.D., tal-5 ta' Marzu 2024.

Finalment il-Qorti qiegħda tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid tal-ħati fil-proċeduri imsemmija fit-tielet u fir-raba akkuża.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------